# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.03

## REGOLAMENTI DWAR IL-*MASTER ANTENNA* FIS-SERVIZZI TA' XANDIR BIR-RADJU

1 ta' April, 1999

*L-AVVIŻ LEGALI 63 ta' l-1999, kif emendat bl-Avviż Legali 424 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-*Master Antenna* fis-Servizzi ta' Xandir bir-Radju.

Titolu.

**2.** L-Awtorità tax-Xandir għandha tipprovdi mill-*master antenna*, servizzi ta' trasmissjoni u kull servizz ieħor li jkollu x'jaqsam mal-*master antenna*, bħalma huma t-tidwil ta' arei komuni (eskluż il-konsum ta' elettriku mill-istazzjonijiet tax-xandir għall-pajjiż kollu), servizzi ta' sigurtà, *surveys* perjodiċi, u l-manutenzjoni tal-*master antenna* kif ukoll kull *survey* u manutenzjoni tat-torri ta' l-azzar, kull bini u sit u ħtieġa raġonevoli oħra.

Dmirijiet ta' l-Awtorità tax-Xandir.

**3.** Servizz ta' xandir tar-radju mal-pajjiż kollu għandu jħallas għas-servizzi hawn aktar qabel imsemmija, dritt fis-sena ta' erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro (€4,658) li jitħallas bil-quddiem lill-Awtorità.

Dritt fis-sena għas-servizzi. *Emendat: A.L. 424 ta' l-2007.*

**4.** Jekk jiġri li xi servizz ta' xandir tar-radju mal-pajjiż kollu jonqos milli jħallas dak id-dritt fis-sena u jibqa' arretrat għal żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jiġi intimat mill-Awtorità sabiex iħallas, għaldaqshekk l-Awtorità għandha, malli jiskadi dak iż-żmien, tissospendi kull faċilità ta' trasmissjoni lil dak is-servizz ta' xandir tar-radju mal-pajjiż kollu sakemm isir il-ħlas dovut.

Setgħa ta' l-Awtorità fin-nuqqas li jsir ħlas.

**5.** Għandu jitħallas dritt ta' komunikazzjoni mill-ġdid ta' elf u mija u erbgħa u sittin euro (€1,164) lill-Awtorità minn servizz tax-xandir li jkun naqas milli jħallas.

Dritt għal komunikazzjoni mill-ġdid. *Emendat: A.L. 424 ta' l-2007.*

**6.** L-Awtorità tax-Xandir m'għandha b'ebda mod tkun responsabbli għal danni li jistgħu jiġġarbu minn xi servizz ta' xandir mal-pajjiż kollu bħala riżultat ta' xi interruzzjoni jew sospensjoni ta' trasmissjonijiet mill-*master antenna*.

Ebda responsabbiltà għad-danni.